Girgenti u talabha bil-qalb kollha ħa tfejqu. Fl-aħħar it-tobba qalulu li kien ħa ċmajra! Ma damx ma fieq u reġa' lura d-dar tiegħu qawwi u sħiħ.

Bagħat ittra ta' ringrazzjament għal dak kollu li l-Madonna għamlet miegħu u l-mara tiegħu. **L-Editur**

***APPELL***

*Nappellaw lil dawk kollha li jaqilgħu xi grazzja kbira permezz tal-Madonna ma jħallux kollox għaddej qisu qatt ma ġara xejn. Agħmlu rapport jew itolbu intervista lill-Editur ta' dan il-Fuljett. Agħtuh l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħkom.*

## AVVIŻI

1. L-Assemblea Ġenerali għall-elezzjoni tal-Kumitat il-Ġdid għandha ssir għall-ħabta ta' Lulju. Id-data eżatta tkun imħabbra mill-Kumitat aktar 'il quddiem.
2. Infakkrukom li l-ktieb tal-Kant u Talb qiegħed għall-bejgħ. Ixtruh (25c biss) u ġibuh magħkom għal-laqgħat tal-Girgenti. Nappellaw l-aktar lit-Tesserati ħalli ngibu aktar 'l quddiem il-Moviment tal-Konsagrazzjoni.
3. B'sogħba f'qalbna għandna nħabbru li l-ispejjeż biex nippublikaw il-fuljett "Leħen il-Girgenti" irduppjaw. Imma xorta waħda aħna se nkomplu nqassmuh bla ħlas.
4. Il-Kumitat M.M.K. jagħti l-għomor lil Dun Nazzaren Tonna u lill-familja tiegħu għat-telfa li ġarrbu bil-mewt tal-mamà tagħhom.

Nitolbu lil kulħadd biex bl-għajnuna tagħkom innaqqsu il-piż ta' din il-pubblikazzjoni. Dawk li jirċevuh bil-posta huma jistgħu, għall-inqas, jibgħatu bolli tal-5c bħala kontribut għall-ispejjeż. Ibgħatuhom lill-Editur:

Bro. Victor Privitera, Stella Maris College, Gżira.

M'hemmx lok li ndaħħlu reklami, biex il-fuljett ma jsirx kummerċjali.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 22 APRIL 1995 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Il-Via Sagra, il-Girgenti, 5 ta' Marzu 1995.*

## IL-MADONNA TIBKI

Dawn l-aħħar ġimgħat ħafna nies semmew l-aħbar li dehret fuq it-T.V. Taljan dwar l-istatwa tal-Madonna ta' Civitavecchia (l-Italja) li bkiet dmugħ tad-demm. F'post ieħor, l-Italja ukoll, statwa tal-Madonna tad-domna mirakoluża bkiet dmugħ li kien jidher naturali. Dawn il-fenomeni qed jiġu eżaminati mill-Isqfijiet tal-postijiet fejn ġraw.

Darba (13 Novembru 1991) nies preżenti għal-Laqgħa ta' Talb il-Girgenti, qalu li raw l-istatwa tal-Madonna tibki. Dan il-fatt kien irrappurtat fil-fuljett tagħna Numru 10 ta' April 1992. Minbarra dawn, ġew rappurtati fenomeni bħal dawn minn diversi pajjiżi oħra.

Hija l-Knisja li trid tgħid jekk dawn il-fenomeni humiex awtentiċi. Sadattant, ta' min joqgħod jaħseb ftit, jekk hemmx verament raġuni għaliex il-Madonna (u mhux biss l-istatwi tagħha) għandha xxerred id-dmugħ, mhux ta' demm jew ilma, imma ta' dulur u għafsa ta' qalb għax tħoss ħniena għal uliedha l-bnedmin li abbandunaw lil Alla.

Ġuża Mifsud tenniet kemm-il darba li l-Madonna ilmentat magħha għall-ħażen mhux biss li hawn fid-dinja, iżda wkoll f'Malta u Għawdex tagħna, li l-Madonna tħobb tant. Spiss tgħidilna biex nishru u nitolbu biex ma jiġrix hawn Malta dawk id-diżastri li saru fil-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa u ħafna bnadi oħra. Għarar u terremoti li waħħxu lil kulħadd; u gwerer u rewwixti fejn mietu eluf kbar ta' nies; mard li jittieħed f'pajjiżi mhux tant imbegħdin minna.

Għal dawn l-affarijiet il-Papa wera t-tħassib tiegħu u ħeġġiġna biex nitolbu.

Aħna x'nistgħu nagħmlu biex intaffu dan l-imrar li l-Madonna għandha f'qalbha? Nagħmlu dak li ilha tgħidilna Ġuża Mifsud:

1. Nagħmlu l-Ewkaristija iċ-ċentru tal-Fidi u ħajja tagħna.
2. Nitolbu lil Omnna Marija Santissima, b'talb ta' sikwit, biex Hi tidħol għalina quddiem Alla l-Missier.
3. Ngħixu ħajja safja u nagħmlu penitenza għat-tpattija tad-dnubiet tagħna u tal-oħrajn.
4. Naċċettaw it-tbatijiet ta' kull xorta li Alla jippermetti li jolqtuna, u dan nagħmluh b'sens ta' tpattija.

Hekk biss nistgħu nagħtu sehemna għall-konverżjoni tagħna stess u tad-dinja, kif il-Madonna turina li trid, bil-ħafna dehriet tagħha u fenomeni oħra li qed iseħħu fid-dinja kollha.

**L-Editur**

# SILTIET MINN LAQGĦAT FIL-GIRGENTI

*Miġbura minn Dr. Sylvana Spiteri*

## NOVEMBRU 1994

Waqt din il-laqgħa li fiha Ġuża ħadet il-voti perpetwi, Dun Nazzaren Tonna qal, "Dak li ser nagħmlu llum nagħmluh bl-akbar glorja ta' Alla, ngħidu grazzi kbira l-ewwel lil Alla, ngħidu grazzi kbira lill-Madonna, grazzi kbira lil Ġuża li qiegħda tinqeda biha biex aħna nimxu warajha biex dan il-Moviment jikber, isseħħ ir-Rieda ta' Alla fil-kliem li dejjem tgħid il-gran Verġni Marija lil oħtna Ġuża għaliex il-Madonna hija dejjem il-qaddejja tal-Mulej u allura l-messaġġ ta' Alla qiegħed jitwassal lilna permezz ta' Marija, permezz ta' Ġuża sabiex tiġborna, sabiex il-wegħda ta' Kristu isseħħ, "Jiena nħobbkom u jiena nħenn għalikom għaliex intom xbieha reali tiegħi."

## DIĊEMBRU 1994

Dwar it-talb Ġuża qalet, "Jiena għalhekk iddedikani l-Mulej, għalhekk ġabni fid-dinja 'l-Mulej jiena... Jiena bniedma ddedikata li ma ngħidx Ave Marija waħda lill-Madonna biex twassalha quddiem il-Mulej għalija, kollox nitlob għall-bżonnijiet tagħkom, għall-bżonnijiet tad-dinja kollha, għall-bżonnijiet tar-rappreżentanti tal-ġnus..."

B'referenza għall-evanġelju ta' dakinhar li kien jittratta dwar Ġanni l-Battista, Ġuża qalet, "Dan la kien jirtokkja wiċċu biex ikun sabiħ, la kien jaħseb x'ħa jitkellem u xejn. Kien nofsu liebes u nofsu għarwien b'dak il-ġild ta' l-annimali u jfaħħar 'l-Mulej. kien jgħid, "Inwittu l-għolijiet, il-widien, it-toroq." U aħna x'għandna nwittu ħbieb minn fuqna? Inwittu l-mibegħda ta' bejnietna, inwittu l-abbużi, inwittu dawn l-affarijiet li ma jridx il-Mulej. Mhux sew li hawn fostna, hawn nies li għandhom xi jgħidu ma' ħaddieħor. Jiena ħa ngħidilhom... biex hawnhekk niġu ppreparati bħal anġli biex it-talb tagħna jitla' ħafna bħalma jridu l-Mulej għax aħna ma ġejniex biex nitolbu għalina, Aħna m'aħniex nies egoisti, aħna nies bħal aħwa, irridu nitolbu għal kulħadd...

Jiena ngħidilkom biex nitolbu hafna speċjalment għall-agonizzanti għax nhar il-Ġimgħa dak li ħadt mit-twajjeb Ġesù ta' l-Ewkaristija... Jiena nitlob ħafna għall-midinbin, għall-agonizzanti u għal dawk kollha li huma bogħod minn Alla... Aħna meta nitħassru annimal sejjer għal qtil, m'għandniex nitħassru bniedem? Dawn għandhom kuxjenza sewda... dawn in-nies li joqtlu lil ħaddieħor, u dan is-serq... u dan it-tifrik fil-familji! Kristu ġie fid-dinja biex jgħaqqad. U dan sew insemmu d-divorzju hawn f'Malta, id-divorzju jonqosna!...

Mulej Ġesù li tant soffrejt agunija l-aktar harxa fuq is-salib, ikollok ħniena mill-midinbin, ikollok ħniena mill-agonizzanti. Twajjeb Mulej Ġesù agħmel li ħadd mill-agonizzanti tad-dinja kollha ma jmur f'dawk id-dlamijiet ta' l-Infern. Għalhekk ħadha l-passjoni Sidna Ġesù Kristu. Kien ta' rieda tajba l-Mulej Ġesù meta ħalla l-art għammiela ta' Missieru, sab kreatura u fiha niżel fid-dinja biex jagħtina l-paċi."

## JANNAR 1995

"Nitolbu ħafna lil Ġesù ta' l-Ewkaristija biex jevitalna dan id-dlam, dan in-nuqqas ta' fidi li hawn f'Malta. Jiena minn Ġesù naf li hawn dan id-dlam għaliex m'aħniex nistmawh kif suppost fl-Ewkaristija.

Kemm qed jisgħobiha l-qalb tas-Sinjura tal-Ħajja flimkien ma' dik ta' binha għal dawn id-diżastri li qegħdin isiru fid-dinja. Smajtha tgħidli, "Binti kemm jiddispjaċini meta nara dawk il-katavri maħruqa jinġabru bil-karretti. Itlob għal dawn in-nies u ġiegħel lil min jitlob għax qalbi tittertaq bihom dawn l-affarijiet meta nara aħwa joqtlu lil aħwa. Jisgħobini ħafna li Ġesù mhux qiegħed ikun stmat fit-tabernakli tad-dinja anke mill-istess nies li kkonsagraw ħajjithom lil Alla u wara xi żmien jibdew jimxu wara l-kurrent tad-dinja."

Nixegħlu bl-imħabba lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija biex inpattu għal dawk li qegħdin minn qalbhom, minn jeddhom jiddisprezzaw il-qalb divina ta' Kristu fit-tabernakli kollha tad-dinja. Nitolbu għar-Russja għax jekk jikber il-gwaj fir-Russja ħa jkun hawn il-gwaj fid-dinja kollha. Mill-Mulej Ġesù naf illi l-gwerer mhux qegħdin jonqsu imma jiżdiedu. Lill-maħbub Ġesù smajtu jgħidli, "Kulħadd jitkellem fuq il-paċi imma ħadd ma verament jirreferi għall-paċi għax lil kbir Alla ma jsemmuHx u lanqas lili." Infaħħru lit-tliet persuni tas-Santissima Trinità flimkien mal-Madonna biex jitfgħu il-ħarsa tagħhom fuq id-dinja kollha għaliex huma li jridu jagħtuna l-vera paċi."

# ELEZZJONI TAL-KUMITAT IL-ĠDID

### TIĠDID TAL-KUMITAT

Kull sentejn il-Kumitat tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni irid jiġġedded b'votazzjoni sigrieta waqt il-laqgħa ġenerali li ssir il-Girgenti għal dan il-għan. Din il-laqgħa tissejjaħ "Assemblea Ġenerali". L-aħħar li saret din il-laqgħa kien f'Lulju 1993. Għalhekk issa jeħtieġ li ssir Assemblea Ġenerali oħra f'Lulju li ġej.



F'din il-laqgħa, is-segretarju tal-Moviment jagħti ħarsa lejn il-medda ta' sentejn li jkunu għadhom kif għaddew u jagħti rendikont ta' l-affarijiet importanti li jkunu saru.

Il-kaxxier, ukoll, jgħidilna fiex ninsabu f'dak li għandu x'jaqsam ma' finanzi.

Imbagħad imiss lill-President tal-Kumitat li jqiegħed għall-approvazzjoni tal-Assemblea it-tibdil ta' xi punti fl-Istatut. Dawn il-punti ikunu tressqu għat-tibdil minn xi membru tal-Kumitat jew xi tesserat ieħor li ma jkunx fil-Kumitat, basta javża lil xi membru tal-Kumitat mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju 1995.

### L-ISTATUT

L-Istatut hu magħmul minn regoli li l-Kumitat għamel biex kulħadd ikun jaf kif għandu jitmexxa il-Moviment u jiġu organizzati l-attivitajiet, il-laqgħat, ix-xogħlijiet u l-bżonnijiet kollha li jkun hemm.

Dan l-Istatut, jew parti minnu, jista' jinbidel biss f'Assemblea Ġenerali.

### IL-KUMITAT

Il-Kumitat hu magħmul minn GĦAXAR (10) MEMBRI li jiġu magħżulin f'Assemblea Ġenerali; imma jista' jkun hemm membri oħra (mhux aktar minn tnejn) li jiġu mdaħħlin fil-Kumitat skond il-bżonn li jkun hemm. Minbarra il-Kumitat magħżul, hemm Ġuża Mifsud bħala President Onorarju, Dun Nażżaren Tonna u Mons. Amante Buontempo li jattendu kull laqgħa tal-Kumitat.

### IL-KANDIDATI

Xi trid tagħmel biex toħroġ bħala Kandidat għall-Kumitat?

1. Trid tkun Tesserat
2. Ma jkollokx x'taqsam attivament ma xi partit politiku
3. Tavża lil xi membru tal-Kumitat; ittih ismek, kunjomok, l-indirizz u n-numru tat-telefon u n-numru tat-tessera tiegħek.
4. Tiġi sekondat (rakkomandat) minn Tesserat ieħor jew xi membru tal-kumitat.
5. Ma tinsiex tiġi għall-Assemblea Ġenerali. Jekk għal raġunijiet serja ma tkunx tista' tattendi trid tgħarraf lill-Kumitat minn qabel.

6. Iġġib miegħek it-Tessera ta' sħubija fil-Moviment.

**N.B.** Hu mistenni li l-membri tal-Kumitat ikunu nies dedikati li jattendu regolarment għall-laqgħat tal-Kumitat u jkunu kapaċi jieħdu responsabbiltà ta' xogħlijiet jew attivitajiet li jkun hemm bżonn. M'hemmx lok għal min hu passiv.

Kopja tal-Istatut tista' titlobha lil xi membru tal-kumitat jew lis-Segretarja jew lill-Editur ta' dan il-fuljett.

## IL-QASAB TAL-GIRGENTI

Kulmin imur għal laqgħat ta' talb, il-Girgenti, jaf li fin-naħa tal-lemin tal-post, hemm roqa ta' qasab twil fil-livell ta' l-art, wara ċ-ċint u x-xibka tal-wire li hemm fuqu, 'il fuq sew mill-wied.

Kien it-tnejn, 20 ta' Frar 1995; bnazzi perfett kif jixhed ir-rapport tat-temp ta' dakinhar; l-ebda żiffa ta' riħ! Għall-ħabta tal-11.30 a.m. xi ħdax-il persuna kienu qegħdin jgħidu ir-rużarju. Meta waslu fir-raba' posta tad-duluruż, Antonia Buhagiar, minn Ħaż-Żabbar, kif ħarset lura, indunat li l-qasab kien qiegħed jixxengel 'l hawn u 'l hinn, f'manjiera konfuża, bħallikieku kien hemm riħ qawwi u safrattant ma kien hemm lanqas żiffa ħelwa. Qamet minn postha u marret tara x'seta' kien li ċaqlaq dak il-qasab hekk bis-sħiħ; iżda ma rat xejn. Marret f'postha u wara r-rużarju reġgħet marret ħdejn il-qasam. Ġie wkoll Salvu Cassar (tal-Museum) u hi staqsietu jekk rax xi ħaġa. Meta hi qaltlu li rat il-qasab jixxengel, hu weġibha "Anki jien rajtu jiċċaqlaq". Imma bl-ebda mod ma setgħu jifhmu kif dan ġara. Niftakru: fil-preżenza tal-Madonna, jaħarbu x-xjaten!

## GRAZZJI MAQLUGĦA

### *MRS ĠUŻA CASSAR, tal-Pietà*

Din is-sinjura waqt laqgħa ta' talb il-Girgenti ġiet fuqi u rrakkuntatli grazzja li qalgħet mingħand il-Madonna.

Fix-xahar ta' Jannar 1992 kienet ħadet bronkite. Tabib mill-Belt ippreskrivielha *injections*, li sfaw ta' dannu għal għajnejha. Infatti wara li kienet ħadet 7 minn erbatax-il *injection* li kien taha, bdiet tara kollox doppju. Beżgħet u marret għand tabib ieħor li qalilha li dawk l-*injections* jistgħu jagħmlu ħsara fl-għajnejn u fin-nervituri kollha.

Marret għal-laqgħa ta' talb il-Girgenti u Ġuża Mifsud tatha xi gallettini għax konna qed nagħmlu l-festa ta' għeluq snin Ġuża. Ħadet ukoll xi laptijiet tal-Madonna li kienet tqiegħed ma' għajnejha.

L-isptar għamlulha ħafna testijiet għax kienu qed jibżgħu li kellha xi cancer. Tawha x'tifhem li ma kinetx ser tfieq. Marret għand it-tabib Vella (ta' Għawdex), fl-ispiżerija tal-Ħamrun, għall-vista ta' għajnejha. Dan it-Tabib qalilha li wara xi tliet xhur jew sitta, ikun il-każ li tagħmel operazzjoni. Minn dan kollu ma sar xejn. F'Marzu 1992 bdiet tara aħjar; kien hemm daqqiet fejn kienet tara doppju u oħrajn tara sew. Imma mid-29 ta' Marzu bdiet tara normali. Il-kura li użat Ġuża Cassar kienet biss it-talb u fiduċja kbira fil-Madonna. Grazzi lill-Madonna!

### *MRS GLADYS CAMPBELL*

Gladys hi membru tal-Kumitat tagħna. Għandha devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

F'Ottubru 1994 Gladys għamlet rapport ta' grazzja li qalgħet permezz tal-Madonna; u fih tirringrazzja lil dawk kollha li talbu għaliha speċjalment lil Ġuża Mifsud li qabel l-operazzjoni li Gladys kellha tagħmel, assiguratha li: "dalwaqt tkun tista' tkun lura l-Girgenti taħdem għall-Madonna."

Il-każ kien dan: xi xhur qabel, Gladys mardet f'daqqa waħda. Wara eżami u X-Ray li għamlulha, it-tobba tal-Isptar ħabbrulha li kellhom jopperawha fil-kliewi. Qalulha li kellha għaliex tiżżi ħajr lil Madonna għax il-ħsara fil-kilwa kienet għadha fil-bidu tagħha. Dak li għaġġeb lit-tobba kien li, is-soltu, il-kundizzjoni tal-marda tkun aktar gravi milli tidher fl-X-Ray, imma fil-kaz ta' Gladys fl-operazzjoni il-kundizzjoni kienet ħafna aħjar milli huma stennew li jsibu.

L-operazzjoni irnexxiet għal kollox, tant li t-tobba qalulha li ma kellhiex bżonn ta' aktar kura medika.

### *MR. E. GALEA, mill-Awstralja*

Mr. E. Galea kien ġie Malta biex iqatta' xi żmien hawnhekk. Reġa' lura lejn l-Awstralja f'Settembru 1994. Il-vjaġġ kiddu ħafna, tant li meta wasal lura kellu jmur l-isptar. Ħadd ma kien jaf x'għandu; ħaseb li kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu.

Meta kien hawn Malta, kien għadda minn ħdejn il-post ta' talb il-Girgenti, u laqtitu id-devozzjoni lejn il-Madonna li ra fin-nies li kien hemm. Għalhekk meta sab ruħu l-isptar, ftakar fil-Madonna tal-